## 13 ta' Novembru, 1967.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Avvocato Dottor Antonio Caruana

*versus*

Caterina Gerada

**Dritt fondamentali — Qorti tal-Appell — Qorti Kostituzzjonali — Ġurisdizzjoni ta' — Appell lill**

*Appell minn kawża għad-danni derivanti minn allegat ksur ta' regoli proċedurali, liema allegat jista talvolta jammonta għall-ksur ta' drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni, jista validament isir quddiem il-Qorti tal-Appell billi l-imsemmija drittijiet ma jinsabux protetti biss mill-Kostituzzjoni imma anke mill-liġi ordinarja.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, premess li l-attur appella lejn il-Maestà Tagħna fil-Consill privat minn diversi deċiżjoni mogħtijin mill-Qorti Tagħna tal-Appell f'Malta fil-kawża Ċitazzjoni No. 101 tal-1944 deċiża b'sentenza finali ta' dik il-Qorti Tagħna fit-23 ta' Ġunju, 1958 fl-ismijiet "Caterina Gerada c. Avvocato Dottor Antonio Caruana"; premess li l-attur qiegħed jikkonduċi huwa personalment it-trattazzjoni qud-

diem il-Privy Council Tagħna, kif huwa jinsab intitolat li jagħmel in virtù tal-Judicial Committee Rules, 1957; premess li l-attur ittratta l-'Appeal' fil-'hearing' tal-21 ta' Lulju, 1965 quddiem il-Privy Council, f'liema Seduta il-kawża ġiet differita għall-15 ta' Novembru, 1965, biex, sadattant, l-attur jippreżenta 'Petition' biex jottieni il-permess ex gratia li jkun jista jappella mid-deċiżżjonijiet kollha fuq riferiti, billi il-Lords f'dik is-Seduta tal-21 ta' Lulju, 1965 esprimew l-opinjoni li l-'appeal' ma kienx 'competent' ħlief mill-aħħar sentenza appellata, ċioè dik tat-23 ta' Ġunju, 1958, fuq riferita; premess li mill-esitu ta' li 'Special Leave Petition' jiddependi l-'competency' mis-sentenzi kollha appellati, fuq riferiti; premess li l-attur ma setax, mingħajr preġudizju gravi għal saħħtu, jidher għall-'hearing' quddiem il-Privy Council Tagħna fil-15 ta' Novembru, 1965, u verament fi kwalunkwe ġiornata oħra appuntata għat-trattazzjoni fl-istaġun invernali, kif jirriżulta minn ċertifikat mediku rilaxjat fis-27 ta' Ottubru, 1965 mill-Professur Joseph E. De Bono M.D., F.R.S.P. (Dok A. esibit a fol. 6 Ċitazzjoni No. 101 tal-1944 fuq riferita); premess li, għal din ir-raġuni, l-attur bl-ittra tat-30 ta' Ottubru, 1965 (Dok. B, fol. 9 ibidem talab lir-Reġistrar Privy Council differiment tal-'hearing' tal-'Petition' u tal-'Appeal' għall-ġiornata fl-istaġun miti; premess li r-Reġistrar bl-ittra tad-9 ta' Novembru, 1965 (Dok. C., fol. 10, ibidem) irrisponda "I understand your Agents will inform you"; premess li l-Agents tal-konvenuta f'Londra, bl-ittra diretta lir-Reġistrar fit-18 ta' Novembru, 1965 (Dok. E., fol. 21, ibidem) riedu jagħtu ad interdere li l-klienta tagħhom f'Malta kienet qiegħda tistenna li l-'hearing' isir fil-ġimgħa li tibda fis-6 ta' Diċembru jew fil-ġimgħa li tibda fit-13 ta' Diċembru 1965; premess li, b'evidenti skop li l-attur jiġi sviat rigward il-probabili ġiornata appuntabili għall-'hearing', kopja fotografika tal-imsemmija ittra ġiet mibgħuta lill-attur (Dok. E., fuq imsemmi); premess li b'vjolazjoni tar-Rule 54 tal-Judicial Committee Rules, 1957, ir-Reġistrar

tal-Privy Council appunta l-'hearing' ta' li 'Special Leave Petition' għat-2 ta' Diċecmbru, 1965 (Dok. D., fol. 11, ibidem), u hekk 'before the expiration of ten clear days from the lodging thereof' — il-'Petition' ġiet presentata fil-25 ta' Novembru 1965; peress li l-konvenuta kienet a conoscenza ta' dawn il-fatti, u conniventi; peress li b'dawna l-maneġġi kontra l-liġi ġie frustrat l-'Appeal' tal-attur: infatti kif jirriżulta miż-żewġ Orders in Council datati 2 ta' Diċembru 1965, l-'Appeal' u l-'Petition' tal-attur ġew dismissed unikament għaliex ħadd ma deher għall-attur 'during the hearing'; premess li l-attur ma deherx fis-seduta tenuta quddiem il-Privy Council fit-2 ta' Diċembru, 1965 biss a causa talbrevità tan-notifika, li lilu ġiet kommunikata fit-9 ta' fil-għaxija tal-ġurnata 30 ta' Novembru 1965 — l-attur, bi sfida għal saħħtu għamel minn kollox biex jinsab f'Londra filġurnata tal-'hearing' però, a causa tal-brevità tal-avvis, ma setax isib u ma sabx 'flight' utili; premess li b'dana l-mod ġew vjolati d-drittijiet naturali tal-bniedem għal difesa libera, żmien utili. u esenzjoni minn frodi — drittijiet sanzjonali b'liġi positiva bil-Malta Constitution Act. 1964; premess li b'dana l-aġir tal-konvenuta dderivaw lill-attur danni konsiderevoli, konsistenti fi spejjes ta' preparazzjoni tar-Record, stampa, transmisjoni ta' kopji tar-Record, sborsi lill-Agents tiegħu f'Londra. vjaġġ għall-Londra għall-'hearing' tal-21 ta' Lulju, 1965, u spejjes oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; premessi li l-konvenuta, a causa tal-aġir tagħha illegali, għandha tirrispondi għar-risarċiment, versu l-attur, tad-danni kollha minnu sofferti kif fuq superjorment esposti, u kif jirriżultaw aktar speċifikament waqt ittrattazzjoni — danni likwidabili f'dana l-ġudizzju, jew f'ġudizzju ieħor separat; b'riserva ta' kull azzjoni oħra, u taddrittijiet kollha, kompetenti lill-attur, skond il-liġi; bl-ispejjes;

Omissis.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Gunju, 1967 li biha caħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjes wara li kkunsidrat:—

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta ta' l-konvenuta li fiha qalet, preliminarjament illi l-appell ta' l-attur hu irritu u null għaliex kellu jiġi introdott b'rikors kif jiddisponu ir-Rules of Court ta' l-1964; u fil-meritu illi s-sentenza appelata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1967 Dottor Albert Ganado għall-appellata iddikjara, b'riferenza għall-eċċezzjoni preliminari sollevata minnha fir-risposta tagħha għall-petizzjoni kif ġa issemma hawn fuq illi dik l-eċċezzjoni għandha tiftiehem fis-sens, illi, peress illi d-domanda sostanzjali vera fil-prim'istanza kienet motivata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni, dik il-kawża kienet għalhekk ta' natura kostituzzjonali u l-appell mis-sentenza ta' prim'istanza kien ta' kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali u mhux ta' din il-Qorti u għalhekk messu sar lill-Qorti Kostituzzjonali u l-forma preskritta għall-appelli lil dik il-Qorti, jiġifieri b'rikors.

Kieku din l-eċċezzjoni kienet *fondata*, kien imissha ingħatat anki kontra ċ-ċitazzjoni li biha din il-kawża bdiet fi prim'istanza: għax kieku, kif tgħid l-appellata, ir-rimedju li kien qed jitlob l-appellant kien dak kostituzzjonali il-pro-

ċedura kien ikun imissha mill-ibdu issir b'rikors. Inveċe t-Talba saret, fil-kors ordinarju, b'ċitazzjoni u r-rimedju li ntalab kien dak ordinarju tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita ta' d-danni kaġunati, fil-pretensjoni ta' l-appellant, mill-aġir kolpuż, jekk mhux doluż ta' l-appellata. Hu veru illi fiċ-ċitazzjoni, fl-esposizzjoni tal-premessi għat-talba jingħad illi bl-aġir allegat tal-appellata ġew vjolati d-drittijiet naturali umani ta' l-appellant għall-difiża libera, żmien utili u eżenzjoni minn frodi u xi whud minn dawn id-drittijiet huma anki espressament imsemmija u protetti fil-Kostituzzjoni preżenti ta' Malta. Iżda l-ewwelnett dawk id-drittijiet ma bdewx jeżistu meta ġiet promulgata dik il-Kostituzzjoni imma kienu anki qabel rikonoxxjuti u protetti fis-sistema ta' pajjiżna. It-tieninett m'hemmx xejn li jimpedixxi illi ksur ta' dritt espressament protett mill-Kostituzzjoni — suppost li tassew sar — jista wkoll fl-istess hin jagħti lok għal rimedju taħt il-liġi ordinarja u kwindi jiġi persegwit bil-proċeduri ordinarji. Anzi l-artikolu 47 (1) tal-Kostituzzjoni espressament jiddisponi illi r-rikors kostituzzjonali lil Prim'Awla kontemplat f'dak l-artikolu hu "without prejudice to any other action with respect to the same matter that is lawfully available", u fis-subartikolu (2) jawtorizza lil dik il-Qorti li tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha taħtu meta tkun soddisfatta "that adequate means of redress for the contravention alleged are or have been available to the person concerned under any other law."

Dan vwoldiri illi, jekk "ex hypothesi" kien hemm il-ħtijiet addebitati mill-appellant lill-appellata, l-appellant setgħa jitlob ir-rimedju ordinarju tad-danni taħt il-Kodiċi Ċivili bil-proċedura ordinarja — (dejjem s'intendi jekk, bħala kwistjoni ta' meritu, dak ir-rimedju hu kompetenti) — ankorke talvolta dawk il-ħtijiet jimpostaw wkoll infrazzjoni tad-drittijiet fondamentali protetti fil-Kostituzzjoni; anzi, aktarx milli

"sata jażgħel", kien normalment obbligat li jinqeda bir-rimedju ordinarju minflok ifittex dak kostituzzjonali.

Hekk evidentement — bħala proċedura — għamel l-appellant fil-każ preżenti. U ġa la darba dan ma kienx każ ta' proċeduri inizjati u ta' sentenza mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, l-appell ma jmissx lill-Qorti Kostituzzjonali li l-ġurisdizzjoni tagħha hi limitata kif jipprovdi l-artikolu 86 (2): l-appell kien imiss lil din il-Qorti u sar sewwa bil-mod ordinarju tan-nota u petizzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellata u tordna t-trattazzjoni ulterjuri ta' l-appell. L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni tħallashom l-appellata.